# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 76

**16 ta' Ottuburu, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Matthew Dimech – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 76.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**76.1.1** **Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

### 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 75;

**76.2.1** **Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezjoni. Il-Kunsill qabel mal-approvazzjoni tal-Minuti. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.**

### 76.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti;

**76.3.1** **Il-Kunsillier G Muscat saqsa dwar pagament numru 57. Is-Sindku spjega kif din ir-rampa kellha issir tal-ħadid, u mhux tal-konkos, peress li quddiem l-aċċess għall-bini, u voldieri taħt l-imsemmija rampa, hemm l-kaptelli tad-drenaġġ, u għaldaqstant rampa tal-ħadid tgħati aċċess għal meta jista jinqala ħsara fid-drenaġġ.**

**76.3.2** **G Muscat propona l-approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet. Il-Kunsillier L Cachia Castelletti Issekondat. L-iskeda tal-Pagamenti ġiet approvata mill-Kunsill Lokali.**

### 76.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**76.4.1** ***Car Sharing*: Is-Sindku qal li rċivejna korrispondenza mill-kumpanija 'Car2Go' li qed timplimenta l-proġett tal-*car sharing*. Is-Sindku stedinhom jattendu għall-laqgħa tal-Kunsill ta' llejla stess sabiex jgħatu spjegazzjoni tal-proġett.**

**76.4.2** **Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien approvat li jitla *San Patringano* bħala r-rapreżentant tal-Kunsill Lokali. Ma setgħax imur u saqsa lill-Kunsillier Frank Roe sabiex imur minfloku. Il-Kunsill qabel li l-ispejjes għandhom jiġu mħallsa mill-Kunsill kif xorta kien diġa maqbul.**

**76.4.3** **Is-Sindku tkellem dwar proposta biex isir ftehim ta' kooperazzjoni mal-lokalita' ta' Messina fi Sqallija, fuq il-qasam marittimu u edukattiv. Il-Kunsill qabel.**

76.4.4 Is-Sindku ressaq żewġ proposti għall-*water dispensers* minn kumpanija privata, li qegħda fil-proċess tagħha li taplika mal-Awtorita' tal-Artijiet, u qegħda għaldaqstant titlob *no objection* tal-Kunsill Lokali biex tistalla dawn fil-lokalita. Is-Sindku qal li l-lok ta' dawn it-tnejn ser ikunu (a) Triq il-Watar, u (b) ix-Xatt fejn *charging points*. Il-Kunsill qabel.

76.4.5 Is-Sindku qal li rċivejna petizzjoni mir-residenti ta' Blokk E1, dwar s-*soft areas* ta' madwarhom. Dawn ir-residenti ma jridux li jibqgħu *soft areas* u dan minħabba l-ħmieġ tal-klieb li kostantament ikun hemm ġo fihom.

Il-Kunsillier L Cachia Castelletti qalet li b'din il-petizzjoni ħa jinħoloq preċedent. Hija qalet li bħalissa qed tkun maħmuġa għax qegħdin mingħajr kuntrattur tas-*soft areas.*

Il-Kunsillier G Muscat qal li ħaddieħor jaf issa jiġi u jkun irid ineħħi is-*soft area* ta' ħdejh ukoll. Umbgħad x'ser jgħamel il-Kunsill Lokali?

Il-Kunsilliera L Cachia Casteletti u G Muscat qalu li dik il-bankina hija ta' kulħadd, u mhux ta' dik il-blokka appartamenti biss.

Is-Sindku qal li meta tkun tmiss mad-dar tiegħek taffetwak l-aktar imma. Is-Sindku issuġġerixxa, li fid-dawl ta' nuqqas ta' qbil, għandna nitkellmu din il-petizzjoni mar-rappreżentanti ta' din il-petizzjoni fil-laqgħa li jmiss.

76.4.6 Dwar ir-riforma tal-ġbir ta' skart organiku, s-Sindku lmenta li l-konsultazzjoni dwar l-iskeda il-ġbir ta' skart fil-lokalita' qegħda ssir ftit jiem biss qabel din il-bidla tant importanti ser tidħol fis-seħħ. Saret diskussjoni dwar kif għandha titqassam l-iskeda ġdida tal-ġbir ta' skart fil-lokalita' u sar qbil li l-għada tiġi konkluża permess ta' ko-ordinament bit-telefon li ser isir mis-Segretarju mas-Sindku u l-Kunsilliera.

## 76.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

76.5.1 Il-Kunsillier L Cachia Castelletti – Ilmentat li hemm nuqqasijiet u żbalji fil-ġbir ta' skart. Is-Sindku qal li jinnota numru ta' żbalji ukoll. Semma li ġieli qabeż it-tbattil tad-*dustbins*, u speċjalment tal-Ħamis, ma' battalx id-*dustbins*. L Cachia Castelletti semmiet ukoll li l-iskart organiku qed jitħallat mal-boroż is-suwed. Sindku semma każ fejn darba kien fuq barra mal-iskrivana, u qabżu xi boroż, u kellu jsejħielhom għax li kieku ma kienux jindunaw. Dan mhux każ iżolat, kompla s-Sindku.

Il-Kunsilliera ilmentaw ukoll li qed isir *piling* fejn mhux neċessarju. Apparti dan qed isir *piling* kmieni ħafna.Is-Sindku qal li dan l-għaġir huwa każ gravi, u l-kuntrattur diġa ġie avzat b'dawn in-nuqqasijiet. Jidher li jew il-kuntrattur jew il-ħaddiema tiegħu baqgħu jippersistu f'dan l-għaġir.

Il-Kunsilliera irrisolvew li tinkiteb ittra mis-Segretarju Eżekuttiv b'dawn l-ilmenti kollha sabiex il-kuntrattur jara li dawn ma jiġux ripetuti. Il-

**Kunsilliera qablu li dawn l-ilmenti ippersistew u għaldaqstant għandu jitnaqqas 5% mill-kont tax-xahar ta' Ottubru 2018.**

## 76.6 Rapport Evalwazzjoni *Tender* – Manutenzjoni ta' Ġonna u *green areas*

**76.6.1** **Is-Segretarju qara r-rapport tal-Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li tintgħażel l-offerta ta' WM Environmental għall-valur ta' €46,250, peress li din kienet iċ-*cheapest compliant offer*.**

## 76.7 Deputat Segretarju Eżekuttiv;

**76.7.1** **Il-Kunsill approva illi s-Sur Matthew Dimech jżomm il-pożizzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u li din id-deċiżjoni tiġi komunikata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.**

## 76.8 Risorsi Umani;

**76.8.1** **Is-Sindku qal li dak il-persuna li kien irrakkomandat sabiex jiġi jaħdem hawn, gie f'punt li ma ħassux komdu aktar li jaħdem il-Kunsill Ta' Xbiex, għax induna li mhux kulħadd kien ħa jkun komdu bih jaħdem il-Kunsill. Is-Sindku qal li fid-dawl ta' dan, u filwaqt li kellhu opportunita' oħra, hu iddeċieda li jieħu l-opportunita' l-oħra.**

**76.8.2** **Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill diġa approva li s-Sin. Anna Micallef titla Skala 11. Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti qalet li jekk għadu ma sarx il-kuntratt, dan għandu jsir *back dated*. Is-Sindku qal sa fejn jaf hu l-*internal call* ma ħarġitx. Is-Sindku iddirieġa lis-Segretarju jiċċekja l-proċess u jara kif eżatt għandu joħroġ il-kuntratt ta' impjieg ġdid.**

**Is-Sindku qal illi issa imma, Yasmine Tonna u Anna Micallef, qed jirkibhom ix-xogħol u għandhom bżonn l-għajnuna filgħodu. Irridu naraw x'jista isir.**

## 76.9 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**76.9.1** **Ma kienx hemm *items* oħra ta' xogħol**

## 76.10 Rapporti mill-Kunsilliera;

**76.10.1** **Ir-rapporti mill-Kunsilliera saru diġa fil-punti preċedent ta' din il-laqgħa.**

**76.11 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 5 ta' Diċembru, 2018 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**76.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum 5 ta' Diċembru 2018.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |